Isla
Città Invicta

# Kunsill Lokali Isla

## RAPPORT AMMINISTRATTIV U TA' ĦIDMA

## APRIL 2008 – MARZU 2009

# Introduzzjoni

## Is-Sitt Leġislatura (2008-2011)

Nhar it-8 ta' Marzu, 2008 inżammu l-elezzjonijiet għall-Kunsill Lokali. Il-membri tal-Kunsill għas-sitt leġislatura hu magħmul minn Joseph Casha (Sindku), Justin John Camilleri (Viċi Sindku), Walter Ahar (Kunsillier), Larry Abela (Kunsillier) u Charmaine Gerada (Kunsilliera). Il-Kunsilliera ħadu l-ġurament tal-kariga matul ċerimonja li nżammet fil-Berġa ta' Kastilja nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Marzu, 2008. L-ewwel laqgħa tal-leġislatura l-ġdida nżammet nhar l-1 ta' April 2008, fejn ġew maħtura s-Sindku u l-Viċi Sindku kif ukoll sar Diskors mis-Sindku u ġew imwaqqfa s-Sotto Kumitati.

## Laqgħat tal-Kunsill

Matul din is-sena April 2008 – Marzu 2009 saru 15 il-laqgħa tal-Kunsill (numru 1 sa numru 15) u l-attendenza kienet hekk:

| Kunsillier | Laqgħat | Preżenti | Assenti | Skużati |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| Joseph Casha (Sindku) | 15 | 15 | - | - |
| Justin John Camilleri (Viċi Sindku) | 15 | 13 | - | 2 |
| Walter Ahar (Kunsillier) | 15 | 15 | - | - |
| Larry Abela (Kunsillier) | 15 | 11 | 1 | 3 |
| Charmaine Gerada (Kunsilliera) | 15 | 12 | - | 3 |
| Arthur Perici (Segretarju Eżekuttiv) | 15 | 15 | - | - |

## Formazzjoni Sotto-Kumitati

1. Sotto Kumitat – Edukazzjoni – Qasam Soċjali – Anzjani u Familji – Ordni Pubblika – Kumitat Rijabilitazzjoni – Kommunikazzjoni Dipartimenti Governattivi – Awtorita' tat-Turiżmu – Sindku Joe Casha
2. Sotto Kumitat Żgħażagħ - Sports u Kultura – Għaqdiet Lokali – Gwardjani Lokali – Awtorita' ta' l-Ippjanar – Viċi Sindku Justin J. Camilleri
3. Sotto Kumitat Turiżmu – Manutenzjoni Lokali – Liason mal-Pulizija, Devoluzzjoni Dawl – Kunsiller Walter Ahar - Segretarju Eżekuttiv Arthur Perici
4. Sotto Kumitat Ambjent Indafa u Lettrini Pubbliċi – Kunsillier Larry Abela – Kunsillier Walter Ahar
5. Sotto Kumitat – Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma – Reġistrazzjoni ta' Djar – Immaniġġjar ta' Traffiku u Trasport Pubbliku – Kunsillier Larry Abela
6. Kumitat Kummerċ - Wirt Storiku – Tisbiħ u Rijabilitazzjoni Lokali – Kunsillier Charmaine Gerada
7. Kumitat Relazzjonijiet Internazzjonali *EU Youth Programmes* u Ġemellaġġi – Viċi Sindku Justin J. Camilleri – Kunsillier Charmaine Gerada – Segretarju Eżekuttiv Arthur Perici
8. Bord Tmexxija tal-Grawnd – Sindku Joe Casha – Viċi Sindku Justin J. Camilleri – Kunsillier Charmaine Gerada – Segretarju Eżekuttiv Arthur Perici – (żewġ membri tas-Senglea Nursery)
9. Informazzjoni lill-Pubbliku u P.R.O. tal-Kunsill – Website – Sindku Joe Casha – Viċi Sindku Justin J. Camilleri – Kunsillier Larry Abela – Segretarju Eżekuttiv Arthur Perici
10. Kumitat Attivitajiet Annwali fil-Komunita' – Sindku Joe Casha\Vici Sindku Justin John Camilleri, Kunsillier Larry Abela, Segretarju Ezekuttiv Arthur Perici

## Kumitat Finanzi

Sindku Joe Casha, Vici Sindku Justin John Camilleri, Segretarju Ezekuttiv Arthur Perici, Accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante.

## Proġetti:

### Grawnd 31 ta' Mejju 1981

Wara ħafna snin ta' stennija mir-residenti tal-lokal twettaq il-proġett tal-*5-a-side syntethic pitch*. Fl-4 ta' Mejju 2008 fl-okkazzjoni ta' l-attivitajiet ta' Jum l-Isla, il-Kunsill għamel ftehim ma' Senglea Nursery dwar it-tmexxija "*Day to Day*" tal-grawnd. Dan il-grawnd se jibqa' propjeta' tal-Kunsill Lokali Isla. Il-ftuh ta' grawnd sar fil-31 ta' Mejju mil-liema data dan ħa l-isem ta' Grawnd 31 ta' Mejju 1981 sabiex infakkru l-aktar pożizzjoni għolja li ntlaħqet mil-lokal tagħna fl-istorja tal-futbol Malti, meta it-team ta' Senglea Athletic waslu sal-Final ta' l-*FA trophy*.

Matul il-ftuħ tal-grawd saret esibizzjoni ta' skills mit-tfal tas-Senglea Nursery u l-programm kompla b'diskors minn tifel tan-nursery u diskors mis-Sindku Joseph Casha. Wara l-ftuħ tal-grawnd saret logħba bejn il-players li ħadu sehem fil-final ta' l-*FA trophy* fl-1981 bejn Senglea Athletics F.C. u Floriana F.C.

L-amministrazzjoni tal-grawnd *Day to Day* ġiet mgħoddija lis-Senglea Nursery u ġie iffurmat bord eżekuttiv bejn żewġ membri mis-Senglea Nursery u 3 membri mill-Kunsill Lokali. Is-Senglea Nursery issa jistgħu jħarrġu lit-tfal tal-lokal f'ambjent aħjar. Bis-saħħa ta' dan, it-tfal tal-lokal ser iqattgħu aktar ħin flimkien u jiltaqgħu ma' tfal tal-lokalitajiet oħra, filwaqt li jipprattikaw l-isport favorit tagħhom.

### *CCTV Cameras* Grawnd u Gardjola

Mall-proġett tal-grawnd 31 ta'Mejju 1981 ħassejna li jkun aħjar li nagħmlu sistema ta' *CCTV cameras* biex b'hekk innaqqsu iċ-ċans ta' xi tip ta vandalizmu li jista jsir. Ħassejna ukoll li tkun ħaġa tajba kieku nagħmlu sistema ta' *CCTV camera* fi Ġnien tal-Gardjola dan għaliex bdew isiru xi ħsibijiet li jsiru xi upgrades f'dan il-ġnien u b'hekk inkunu nistgħu nħarsu dawn il-postijiet aħjar kif ukoll inħarsu l-wirt storiku.

### Dwal mas-swar tal-Gardjola

Flimkien ma' dawn iż-żewġ proġetti li ssemmew qabel, nħass il-bżonn li nagħtu dehra aħjar lin-naħa tal-Ponta ta' l-Isla. B'hekk il-Kunsill għamel sistema ta' dawl madwar is-swar tal-Gardjola biex b'hekk dawn is-swar ikunu jistgħu jitgawwdu min-nies li jkunu qegħdin jippassiġġaw max-xatt ta' l-Isla, kif ukoll jitgawdu min-nies li jkunu fuq il-baħar jew li jkunu fil-lokalitajiet tal-madwar. Il-Kunsill ibbenefika minn fond ta' €2,300 mingħand HSBC li l-istess bank għandu ddedikat għal qasam edukattivi, wirt storiku u ambejnt. B'hekk parti mill-ispiża kapitali ghall-installazzjoni ta' *CCTV Cameras* fi Ġnien il-Gardjola u d-Dawl tas-Swar ġiet issussidjata mill-HSBC.

### Sally Port

Sar xogħol ta' manutennzjoni f'Sally Port. Dan il-post huwa wieħed fost il-favoriti tat-turisti li jiġu jżuru lil beltna. Barra li dan is-sit jiġi mgawdi mit-turisti dan huwa ukoll ta' tgawdija mir-residenti tal-lokal u jirrifletti parti mil-istorja ta' Beltna.

## Xogħol ta’ Manutenzjoni:

### Ħaddiema IPSL u WSS

Xogħolijiet importanti li saru ukoll madwar il-lokalita’ tagħna kien jinkludi f’programm ta’ manutenzjoni fosthom żebgħa tal-moll tul ix-Xatt, il-fanali u l-ħadid ta’ madwar ix-Xatt ta’ l-Isla. Inżebħu ukoll railings tat-toroq u l-ħadid li nsibu fit-toroq bit-taraġ. Saret manutenzjoni fuq il-lettrini pubbliċi tal-Ġnien tal-Gardjola, tal-Ponta u tax-Xatt. Dan ix-xogħol sar permezz tal-ħaddiema assenjati mall-Kunsill mill-IPSL kif ukoll min-numru ta’ ħaddiema assenjati mal-Kunsill għal 13-il ġimgħa mill-ETC.

### Patching

Matul din is-sena sar xoghol ta’ patching f’Xatt Juan B.Azopardo, Triq iż-Żewġ Mini, Triq l-Arkati, Triq il-Ponta, Triq il-Kuncizzjoni, Triq il-Maċina, Triq il-Ħabs l-Antik u Triq il-Miġja tal-Papa.

### Road Markings

Saret manutenzzjoni fuq is-sinjali tat-traffiku fi Triq il-Vitorja, Triq iż-Żewg Mini u Pjazza Gorg Mitrovic, Triq 31 ta’ Marzu, Triq l-Arċisqof Mattei u Misraħ l-4 ta’ Settembru.

### Manutenzzjoni fit-Toroq

Permezz tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzzjoni saru numru ta’ Xogħolijiet ta’ Plastering u Żebgħa fi Triq Mons. Panzavecchia, Triq il-Ħabs l-Antik, Grawnd 31 ta’ Mejju 1981.

### Street Lighting

Matul is-sena nżamm numru ta’ manutenzzjoni fuq id-dawl tat-Toroq fil-Lokalita’.

### Żamma u Manutenzjoni ta’ Ġonna Pubbliċi u Soft Areas

F’Settembru 2008 il-Kunsill ħareġ sejħa għall-offerti għaż-Żamma u Tindif ta’ Ġonna Pubbliċi u Soft Areas. Il-kuntratt ingħata lill-kumpanija Environmental Landscapes Consortium Ltd.

Matul dawn ix-xhur ta’ xogħol f’dan il-qasam ingħata upgrading u tisbieħ fi Ġnien il-Gardjola kif ukoll f’nofs Marzu l-hawn l-istess kumpanija assenjat Ġardinar mal-Kunsill għall-4 siegħat kuljum ħames darbiet fil-ġimgħa biex jagħti s-servizz meħtieġ madwar il-ġonna u soft areas fil-lokalita’.

## Attivitajiet:

### Jum l-Isla

Wara li ġiet eletta l-leġistratura l-ġdida tal-Kunsill Lokali ta' l-Isla, l-ewwel biċċa xogħol li kellhom, jaffaċċjaw kienet li jorganizzaw l-attivitajiet ta' Jum l-isla. Matul dawn il-ftit ġranet saru diversi attivitajiet fosthom:

- 2 ta' Mejju – Sports day – Djalogu Interkulturali – Wirja ta' talenti lokali fi pjazza 4 ta' Settembru
- 4 ta' Mejju – Iffirmar ta' ftehim "Amministrazzjoni *5-a-side Synthetic Football Pitch*" bejn il-Kunsill Lokali Isla u Senglea Athletics F.C. Youth Nursery ġewwa l-Kunsill Lokali
- 6 ta' Mejju – Fl-okkazzjoni ta' Jum l-Omm, Quddiesa ġewwa l-Bażilika ta' Marija Bambina u wara ħarġa u ikla ġewwa t-Topaz
- 7 ta' Mejju – Laqgħa għall-ġenituri fis-Sala tal-Kunsill bit-tema "Kif nistgħu nħajru lill-uliedna jħobbu l-qari aktar" imtella' mill-F.E.S u l-Kunsill Lokali Isla. Wara d-diskussjoni, nżammet sessjoni ta' qari u krafts bejn il-ġenituri u t-tfal
- 8 ta' Mejju – Quddies ta' Radd il-Ħajr fil-Bażilika' ta' Marija Bambina u wara kien hemm rikonoxximent fis-Sala tal-Kunsill għas-Sindki u Kunsilliera li taw servizz fil-Kunsill fl-ewwel ħames leġislaturi mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

### Djalogu Interkulturali

Permezz tas-sħubija tagħna bħala membri fil-Fondazzjoni Anna Lindh, l-istess Fondazzjoni approvat u ffinanzjat proġett li ressaq il-Kunsill sabiex jorganizza Djalogu Interkulturali bit-tema "Kif insiru nafu lil xulxin aħjar permezz tad-diversita'. L-iskop ewlieni ta' dan l-avveniment kien li t-tfal u n-nies residenti fl-Isla kellhom l-opportunita` jaqsmu u jiddiskutu dak li jaħsbu dwar id-diversita` matul ġurnata ddedikata għad-djalogu interkulturali.

Bħala parti mill-kampanja *'1001 Actions for Dialogue'* matul is-sena Ewropea ddedikata għad-djalogu interkulturali, l-għan ewlieni tal-Kunsill Lokali ta' l-Isla kien li joħloq proċess ta' komunikazzjoni bejn persuni ta' razza, kultura, kulur u reliġjon differenti.

Dan id-djalogu kien maqsum f'żewġ partijiet. Kien hemm sezzjoni għat-tfal li saret fil-għodu u sezzjoni oħra miftuħa għal kullħadd li saret fil-għaxija.

Għas-sezzjoni tat-tfal kienu mistiednin it-tfal ta' l-Iskola Primarja ta' l-Isla, tfal mill-Isla li jattendu l-Junior Lyceum, kif ukoll tfal ta' nazzjonalitajiet differenti miċ-ċentri ta' detenzjoni f'Malta. Din is-sezzjoni bdiet bi Sports Day fejn it-tfal setgħu jilagħbu flimkien u joħolqu daqsxejn ta' kunfidenza bejniethom biex b'hekk ikunu jistgħu jitkellmu aħjar waqt id-djalogu li sar bejniethom.

Matul dan id-djalogu it-tfal tkellmu dwar id-differenzi li huma jaraw f'xulxin u tkellmu kif jistgħu jgħixu ma' xulxin mingħajr biza' u jilgħabu flimkien minkejja id-differenzi tan-nazzjonalita u tal-kulturi tagħhom. Permezz ta' dan id-djalogu it-tfal tgħallmu dwar il-kultura tal-pajjiżi oħra u l-importanza tal-ħbiberija bejn it-tfal. Dan id-djalogu ingħalaq billi ngħataw kotba lit-tfal kollha grazzi għall-BOV p.l.c, li għoġbu jisponsorja l-istess kotba.

Għas-sezzjoni ta' fil-għaxija ġew mistiedna persuni minn oqsma differenti mis-soċjeta', kif ukoll ir-residenti kollha ta' l-Isla. Kienu mistednin ir-residenti ta' nazzjonalita differenti li jgħixu fil-lokal tagħna u dawk miċ-ċentri ta' detenzjoni. Spikkat ukoll il-preżenza ta' studenta barranija li din semgħet bl-attivita' u attendiet għal dan id-djalogu. Matul dan id-djalogu kellna ċ-ċans nisimgħu daqq minn kultura differenti permezz tal-preżenza ta' grupp etniku. Matul dan id-djalogu ir-residenti tkellmu dwar x'jista' jsir biex il-persuni ta' nazzjonalitajiet differenti jistgħu jmorru aħjar bejniethom u tkellmu dwar in-nuqqas ta' ċertu nies lejn nies ta' nazzjonalitajiet differenti. Dan id-djalogu intemm b'bibita żgħira fejn in-nies komplew jitkellmu b'aktar kunfidenza.

### Qasam Soċjali

F'Diċembru 2008 inżammet attivita' għall-Anzjani għaż-Żmien tal-Milied, fejn ittellgħet serata ta' divertiment kif ukoll tqassmu rigali. Ir-residenti (Anzjani) f'Dar Sant Anna Isla ngħataw rigali ukoll.

## Edukazzjoni:

### SajfATTIV

Matul ix-xhur tas-sajf ġie organizzat programm ta' attivitajiet għat-tfal, il-familji u ż-żgħażagħ fuq inizjattiva tal-Kunsill Lokali ta' l-Isla u l-Kulleġġ Santa Margerita bl-għajnuna tal-Fondazzjoni għal-Servizzi Edukattivi (l-FES). Dan il-programm kellu l-approvazzjoni u l-appoġġ finanzjarju tad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi.

**SajfATTIV** ħa post SkolaSajf. L-għan prinċipali tal-Programm **SajfATTIV** kien biex it-tfal, il-familji u ż-żgħażagħ jkollhom serje ta' attivitajiet biex is-sajf igawduh aħjar, 'il bogħod mill-vizzji.

Marcon Cassar, għalliema fil-Kulleġġ Santa Margerita, kienet il-koordinatriċi tal-proġett, fejn ħadet ħsieb li tiltaqgħa mat-tfal, żgħaġagħ, ġenituri u għaqdiet sabiex ilkoll flimkien jaqsmu l-bżonnijiet u x-xewqat tagħhom biex finalment jitfassal program interesanti b'parteċipazzjoni wiesgħa tal-komunita' Sengleana.

Kien proġett fejn tajna l-opportunita' lill-parteċipanti jagħmlu affarijiet diversi, fosthom attivitajiet edukattivi, kulturali u kif ukoll sportivi. Il-komunita' Sengleana laqgħet din l-inizjattiva b'mod pożittiv. L-għaqdiet tal-lokal ipparteċipaw u ħadu sehem attiv ukoll f'dan il-proġett. L-għan ewlieni kien biex apparti li dawn l-għaqdiet jagħtu l-kontribut tagħhom lil lokal billi jorganizzaw ċerti attivitajiet huma stess, ikun hemm ukoll promozzjoni għal din l-għaqda maċ-ċittadini tal-lokal. Nistgħu ngħidu li kienet esperjenza sabiħa għal dawk kollha involuti.

Fis-sezzjonijiet ta' fil-għodu offrejna lezzjonijiet ġewwa s-Sala tal-Kunsill fi drama, crafts, arti, mużika, żfin u tisjir. B'kollox għal dawn il-lezzjonijiet kellna 'l fuq minn 43 parteċipant. Hawnhekk tajjeb li nirringrazzjaw l-għalliema kollha, fosthom John Cassar, Clinton Carter,

Celaine Buhagiar, Dominic Said, Carmen Calleja, Ersilia Ghirxi, Carmen Falzon, Ines Zerafa u Yvonne Lia li b'dedikazzjoni kbira taw is-sehem tagħhom f'dan il-proġett.

Il-ġenituri kellhom ukoll sensiela ta' laqgħat fejn setgħu jagħmlu u jiddiskutu ċerti affarijiet ta' interess għalihom. L-ewwel ftit laqgħat saru fil-librerija fejn hawnhekk tajjeb nirringrazzjaw lil Ms Graziella Cassar Gellel li tieħu ħsieb il-librerija tal-paċenzja kbira li ħadet. L-iskop ewlieni kien li nippromwovu l-qari u l-użu tal-librerija. Il-laqgħat l-oħra saru ġewwa x-Xatt ta' l-Isla. Ġibna kelliema professjonali fil-qasam rispettiv tagħhom u wħud mit-temi li ġew diskussi kienu s-sigurta fuq il-baħar u d-dar u l-kelliema mistiedna kienet Ms Joanna Saliba u l-vizzju tad-drogi fejn kien mistieden L-Ispettur Norbert Ciappara.
Iż-Żgħażagħ kellhom sensiela ta' laqgħat interessanti li wħud minnhom saru ġewwa s-Sede jew fis-sala tal-Kunsill stess. Kien hemm kooperazzjoni kbira fejn anki l-Arċipriet flimkien ma' persuni oħra ġentilment offrew li jinfetaħ il-premises avolja fix-xhur tas-sajf is-soltu jkun magħluq biex jiltaqgħu dawn iż-żgħażagħ fil-għaxijiet. Hawnhekk iż-żgħażagħ kellhom iċ-ċans jiddiskutu temi diversi, per eżempju fuq x'hiex jistgħu jagħtu huma bħala żgħażagħ lill-komunita', kif nistgħu naħdmu bħala team, tkellimna fuq it-tentazzjonijiet li għandhom illum u fuq il-vizzji tad-drogi fost oħrajn. L-iskop ta' dawn il-laqgħat kien biex wieħed jitgħallem b'mod informali kif ukoll ikollhom iċ-ċans li jiddiskutu l-problemi tagħhom ma' nies professjonali bħal ma' huma l-għalliema u l- youth and community workers.

Bla dubju l-ikbar attivita' kienet il-Live In ta' tlett ijiem ġewwa s-seminarju tar-Rabat fejn ħadu l-esperjenza ta' x'jiġifieri tgħix ma' ħaddiehor u waħdek mingħajr il-ġenituri. Kienet esperjenza sabiħa wkoll li ħalliet liż-żgħażagħ b'għatx kbir għall-avventura oħra. Xtaqu kieku setgħu iqattgħu iżjed ħin hemmhekk!

F'dan il-Live In, li għalih kellna l'fuq minn 25 żgħażugħ u żgħażugħ flimkien ma' seba' leaders fosthom il-Vici Sindku, Justin John Camilleri.

Il-proġett spiċċa fis-26 t'Awwissu, b'lejla ta' preżentazzjoni li saret fil-Ġnien tal-Gardjola.
Kienet lejla sabiħa fejn it-tfal wrew ix-xogħol kollu tagħhom li telgħu tul il-proġett, apparti li ħadu ħsieb ukoll li juru dak li tgħallmu f'ċerti l-lezzjonijiet b'varjeta' ta' żfin u drama.

Il-Kunsill jesprimi l-apprezzament tiegħu lill-dawk kollha li għamlu dan il-proġett tant suċċess, speċjalment lill-koordinatriċi Marcon Cassar li ħadmet bla heda u żgur li ser tkun fi ħsiebna għall-futur.

## Ġemellaġġi

### Żjara f'Cassino, Italja

F'Lulju, il-Kunsill flimkien ma' grupp ta' żgħażagħ fejn żaru Cassino (Italja). Din il-mawra servithom sabiex jitgħallmu l-kultura ta' pajjiz ieħor li bħal-lokal tagħna sofra ħsarat kbar bil-gwerra. Matul din il-mawra iż-żgħażagħ kellhom l-opportunita' li jitgħallmu l-lingwa Taljana minn lecturer ta' l-Universita' ta' Cassino kif ukoll kienu organizzati diversi ħarġiet kulturali. Din iż-żjara saret permezz ta' ftehim li l-Kunsill għandu mal-Belt ta' Cassino, permezz tal-Ġemelaġġ ma'l-istess Belt.

Kienet esperjenza sabiħa fejn bis-saħħa t'hekk tgħallimna fuq il-pajjiż li żorna kif ukoll komplejna nsaħħu r-relazzjoni ta' ħbiberija li hemm bejn il-lokal tagħna u l-lokal ta' Cassino.

## Żjara f'Hollyhead, Wales

Wara li f'Mejju ta' din is-sena l-Kunsill kien avviċinat minn Membru tal- *Welsh Assocciation* dwar possibilita' ta' Ġemelaġġ ma' Holyhead f'Wales, il-Kunsill irċieva stedina minn Holyhead kif ukoll mill-Konslu ta' Wales għall-Malta biex iżur din il-lokalita' u jingħata bidu għall-diskussjonijiet preliminari mal-Kunsill ta' Holyhead. Matul din iż-żjara ġew diskussi diversi punti u ż-żewġ naħat iffukaw it-taħditiet tagħhom f'dawn l-oqsma għall-benefiċċju taċ-ċittadin –

1. Proġetti u skambji għall-Komunita'
2. Programmi għaż-Żgħażagħ (*Youth in Action* – Proġetti ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea)
3. Programmi Edukattivi (Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea) kif ukoll boroz ta' studji u esperjenzi ta' xogħol
4. Kummerċ
5. Sħab fi Proġetti Strutturali ta' l-Unjoni Ewropea

Ninsabu fi proċess ta' studju dwar ir-rapport imħejji ta' din iż-żjara sabiex tittieħed deċizzjoni jekk issirx applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' relazzjoni bejn iż-żewġ partijiet, lill-awtorijiet konċernati.

Wara li dan ir-rapport ġie diskuss fl-laqgħa tal-Kunsill ġie deċiż li jingħata bidu għall-proċess għall-approvazzjoni meħtieġa sabiex ikun jista' jseħħ dan il-ġemellaġġ.

# Amministrazzjoni:

## MCAST

Matul il-vaganzi tas-Sajf tlabna lil MCAST sabiex jibagħtulna student sabiex ikun jista jgħina fix-xogħolijiet klerikali tal-Kunsill filwaqt li hu jieħu taħriġ f'dan ix-xogħol. Dan serva ta' għajnuna fix-xogħol amministrattiv kif ukoll li l-istudent (Matthew Degiorgio) jieħu ftit esperjenza relatat ma' l-istudju tiegħu.

## Vakanza Skrivana

F'nofs Awwissu il-Kunsill impjegajna skrivana ġdida biex b'hekk komplejna nsaħħu r-riżorsi fostna biex naqdu ahjar liċ-ċittadin. Nilqgħu fostna lis-Sinjorina Leanne Seguna u nawgurawlha kull suċċess matul l-impjieg tagħha.

## Djarju 2009

Ħarġet it-tieni edizzjoni tad-Djarju u Direttorju 2009 maħruġ mill-Kunsill Lokali Isla. Il-kummenti tal-ħarġa 2008 inkoraġġatna sabiex nippublikaw din it-tieni ħarġa. Din is-sena

inkludejna informazzjoni bl-ingliz għall-benefiċċju tar-residenti barranin fl-Isla kif ukoll għal dawk li jżuruna. Nirringrazzjaw lil kull min ta kontribut biex tejjibna dak li għamilna fl-ewwel edizzjoni.

<u>Job Experience Scheme</u>

Saret talba lill-ETC sabiex jintbagħat student jgħin fix-xogħol amministrattiv tal-Kunsill taħt l-iskema ESF72 (Programm Fondi Struturali Malta 2004-2006). Matul dan ix-xahar aparti l-għajnuna fix-xogħol amministrattiv, is-Sur Irvin Galea ħa esperjenza tad-dinja tax-xogħol fil-qasam tal-Kunsilli Lokali.

<u>Job Shadowing Week</u>

Fuq inizjattiva tal-Kulleġġ Santa Margerita (Sekondarja Subien, Fortini), bejn it-23 u s-27 ta' Marzu żewġ studenti, Christian Abela u Andrea Gergis, għaddew ġimgħa fil-Kunsill sabiex jieħdu idea ta' xogħol amministrattiv f'Uffiċċju. Fl-istess ħin dan il-perjodu serva wkoll biex taw t'daqqa t'id fix-xogħol ta' kuljum.

<u>Community Work Scheme</u>

Il-Gvern Ċentrali ħabbar skema dwar ħaddiema assenjati mal-Kunsill biex jagħmlu xogħol fil-komunita'. Il-Kunsill ressaq it-talba tiegħu għall-ħames ħaddiema – 2 biex jagħmlu xogħol ta' manutenzzjoni fit-toroq kif ukoll xogħol ta' żebgħa u tikħil, Handyman għal xogħol fl-Uffiċċju tal-Kunsill u Street Furniture, 1 għal xogħol fuq sinjali tat-traffiku kif ukoll student biex jgħin lill-istaff amministrattiv f'riċerka u applikazzjonijiet għall-Proġetti ta' l-EU u l-Website tal-Kunsill.

<u>Ftehim għal Ċentru ta' Taħriġ u Tgħalim tal-Kompjuters</u>

Il-Kunsill bi sħab mal-Fondazzjoni Temi Zammit laħaq ftehiem mal-Ministeru għall-Informatika sabiex jitwaqqaf Ċentru ta' Taħriġ u Tgħalim tal-Kompjuters fil-Ċentru għall-Komunita' ġewwa l-Kunsill Lokali Isla għall-perjodu ta' tlett snin. Permezz ta' dan iċ-ċentru ser nibbenefikkaw minn għotja ta' kompjuters lill-Kunsill biex jibda jingħata numru ta' korsijiet matul is-sena lill-istudenti u adulti Sengleani. Huwa stmajt li f'dawn it-tlett snin li ġejjin il-Kunsill ser jalloka somma finanzjarja kbira biex issiru dawn il-korsijiet flimkien ma' riżorsi oħra, fosthom servizz b'mod volontarju mill-Kunsilliera. Iċ-Ċentru jservi wkoll għal dawk li għandhom bżonn jagħmlu xi tip ta' ricerka. Nhar is-27 ta' Jannar 2009 sar il-ftuħ uffiċċjali ta' dan iċ-ċentru mic-Chairman ta' l-Awtorita' Maltija għall-Kommunikazzjoni, is-Sur Philip Micallef fl-assenza ta' l-Onor. Dr. Austin Gatt.

<u>Korsijiet tal-Kompjuters</u>

Hekk kif ġie miftuħ uffiċċjalment ċ-Ċentru ta' Taħriġ u Tgħalim tal-Kompjuters, il-Kunsill imbarka fuq proġett ta' numru ta' korsijiet. Saret pubbliċita bieb bieb fil-lokalita'. Wara li nġabru l-applikazzjoniijiet ġie deċiż li jiġu offruti dawn il-korsijiet:

My Web (Basic) – Fejn kellna talba minn 33 persuna
Kors ghat-Tfal – Fejn kellna talba minn 17 il-persuna

ECDL – Fejn kellna talba minn 11 il-persuna

Wara li nġabru l-kwotazzjonijiet sabiex jinżammu dawn il-korsijiet, il-Kunsill għażel lill-Kumpanija TCTC biex toffri dawn il-korsijiet mis-Sala tal-Kunsill Lokali stess. Saret laqgħa ma' l-applikanti fil-preżenza ta' rappreżentanti mill-Kunsill u TCTC fejn ġie spjegat il-kontenut tat-taħriġ kif ukoll t-timetables tal-korsijiet. L-ewwel fażi ta' taħriġ bdiet f'Marzu u tibqa' sejra sa' Ġunju 2009. Hemm 4 klassijiet tal-My Web, Zewg Klassijiet għall-Whizz Kids, Klassi Pre-Accession ECDL u Klassi ECDL Module 2.3.4.

Il-Korsijiet tal-My Web u Whizz Kids qed jiġu offruti b'xejn mill-Kunsill filwaqt li l-parteċipanti jħallsu biss tan-notamenti.

Diġa' bdew id-diskussjonijiet sabiex fis-Sajf jinżamm Kors E-Tfal kif ukoll isiru l-preparamenti biex isir kors My Web Plus u jitkompla l-ECDL Modules 1,5,6,7.

### Żjarat fil-Lokal

Fuq stedina tal-Kunsill saret żjara fil-lokal mill-Onor. Segretarju Parlamentari tat-Turiżmu, Dr. Mario De Marco fejn saru numru ta' viziti f'siti storiċi kif ukoll ġie diskuss kif flimkien nistgħu nippromovu t-Turiżmu fil-Lokalita'.

Fuq inizjattiva tal-Kunsill ġie issuġġerit li jinżamm avveniment Kulturali bejn l-ibliet tal-Kottonera u l-Kalkara bl-għajnuna tas-Segretarjat tat-Turiżmu kif ukoll l-MTA. L-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. De Marco żamm numru ta' laqgħat mas-Sindki u Segretarji Eżekuttivi ta' dawn il-lokalitajiet.

### Website Kommuni

Fuq inizjattiva tal-Gvern Ċentrali saret talba lill-Kunsill Lokali sabiex tiġi introdotta Website Kommuni, b'dettalji ta' kull Kunsill. Madanakollu sar taħriġ għall-impjegati tal-Kunsill dwar it-tfassil ta' din il-Website. Ix-xogħol fuq il-website huwa lest u wasal il-mument fejn il-Gvern iħabbar uffiċċjalment din il-website. Wieħed jista' isib ħafna informazzjoni u ritratti fosthom Storja, Postijiet ta' Interess, Attrazzjonijiet Turistiċi, Informazzjoni fuq il-Kunsill, Sotto Kumitati, Għaqdiet tal-Lokal, Ġonna Pubbliċi, Servizzi Offruti mill-Kunsill, Ġeografija, Ġemellaġġi, Pjazzez, Personalitajiet u Bye Laws.

### Voice for All – Forum Theatre Training

Matul l-2008 il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza ħarġet sejħa għall-offerti biex tikri venues sabiex jinżamm numru ta' sessjonijiet ta' Taħriġ fil-qasam tat-Teatru għall-istudenti minn Skejjel Sekondarji.

Il-Kunsill ħa l-iniżjattiva sabiex jitfa' l-offerta u joffru s-sala tal-Kunsill għal dan it-Taħriġ.

Kien ta' sodisfazzjon li l-offerta tal-Kunsill ġiet milqugħa.

## Riforma Kunsilli Lokali:

### Proċess ta' Konsultazzjoni

Hekk kif kien imħabbar mill-Gvern Ċentrali fit-23 ta' Mejju, 2008, matul dawn l-aħħar sitt xhur sar proċess ta' konsultazzjoni għar-Riforma tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill Lokali ta' l-Isla ha sehem attiv f'dan il-proċess matul diversi laqgħat li saru kif ukoll li ressaq il-proposti tiegħu fl-laqgħa ma' l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari ghad-Djalogu u Informazzjoni Pubblika.

## *European Regional Champions Awards 2008:*

### Premju Prestiġġjuż

Wara li l-Kunsill tal-Isla ħa l-inizjattiva biex jieħu sehem fi proġett relatat mas-Sena Internazzjonali Interkulturali u f'dan is-sens, fit-2 ta' 'Mejju li għadda organizza l-attivitajiet "Biex insiru nafu lil xulxin aħjar permezz tad-diversita', il-Belt tagħna, flimkien ma' 250 proġett ieħor li lkoll ġew minn 26 Membru tal-Unjoni Ewropeja, ġiet nominata għal dan l-Award prestiġjuż.

Ftit wara sar 'short listing' biex minn dawk nominati intgħażlu erba' finalisti. Dawn kien l-Isla, Vojvodina (Serbia), Bristol (UK) u l-Italja. Nhar il-Erbgħa19 ta' Novembru, ġewwa Brussells, saret iċ-ċerimonja għall-għoti tal-Awards fejn tħabbar li l-Isla rebħet l-Award għas-sena 2008.

Dawn l-Awards ingħataw mill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali tal-Parlament Ewropew. Il-votazzjoni, biex intgħażel ir-rebbieħ tal-Award, saret minn 580 membru tal-Kumitat Reġjonali. Fl-għażla tagħhom huma ħassew li l-Isla kien jixirqilha rikonoxximent għax-xogħol iebes li għamlet.

Dan il-proġett kien imexxi mill-Kunsill tal-Isla u ħadu sehem fih bi sħab il-Knisja Parrokkjali Isla, l-Iskola Primarja Isla, il-Komunita' Sengleana, il-Komunita' Barranija Residenti fl-Isla u r-Refuġjati miċ-Ċentri ta' Detenzjoni f'Malta.

Il-Kunsill Lokali Isla jixtieq jgħaddi r-ringrazzjamenti tiegħu, biex dan il-proġett kien suċċess li finalment wassluh għall-unur prestiġġjuż.

- Il-Fundazzjoni Anna Lindh li approva l-proposta tal-Kunsill sabiex jinżamm dan id-Djalogu Interkulturali kif ukoll iffinanzjaw il-proġett.
- Il-Kumitat organizattiv imexxi mis-Sindku Joseph Casha, Is-Sur Joe Scerri (Koordiatur) u l-membri Justin John Camilleri Vici Sindku, Arthur Perici Segretarju Eżekuttiv, Victor Scerri, Roberta Scerri, Vince Caruana u Marica Boxman.
- Lis-Sinjura Joyce Cassar li mexxiet iż-żewġ diskussjonijiet.
- Parroċċa Isla, Prinċipal Kulleġġ Santa Margerita, Surmast u Staff Skola Primarja Isla, Studenti mill-Iskola Primarja Isla u Studenti Sengleani li jattendu Skejjel Sekondarji u tal-Junior Lyceum, Komunita' Sengleana, Komunita' Barranja li hi residenti fl-Isla, Tfal u Adulti miċ-Ċentri għad-Detenzzjoni f'Malta (Refuġjati).
- Staff tal-Kunsill
- Diversi speakers mis-Soċjeta' u Għaqdiet fl-Isla.
- BOV-HSBC

- Claudette Abela Baldacchino u Frederick Cutajar f'isem l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

## Proġetti għall-Fondi mill-Unjoni Ewropea

### Applikazzjonijiet

Matul is-sena 2008-2009 il-Kunsill Lokali Isla ingħaqad bħala Partner ma' pajjiżi oħra Ewropej fejn ġew sottomessi 11 il-applikazzjonij taħt il-Proġetti MED 2007-2013, Interreg IVC, ECV Lifelong Learing u l-Youth in Action. Imiss issa l-approvazzjoni tal-proġetti msemmija hawn taħt mill-Unjoni Ewropea.

### Med Programme 2007 – 2013

1. Dan il-proġett Heri-Skills li għandu l-Abruzzo bħala Lead Partner jiffoka fuq strateġiji ta' żvilupp sostenibbli. L-ammont allokat għall-Kunsill Lokali Isla hu ta' € 85,000 b'ko-finanzjament ta' € 15,000.
2. Permezz tal-Fondazzjoni Temi Zammit, li aħna membri tagħha, il-Kunsill ġie avviċinat sabiex jidħol bħala Partner f'sit Proġetti taħt il-Med 2007-2013. Dawn huma:

| Name of the project | Theme of project | MED COFINANCING | |
|---|---|---|---|
| | | ERDF | PUBLIC COFINANCING |
| E-MARS | Marine ecosustainability | 153,000.00 | 27,000.00 |
| HYPODAMOS | Local development | 179,324.50 | 31,645.50 |
| MEDCOAST-ADAPT | Marine environment | 166,600.00 | 29,400.00 |
| SightSEAing | Underwater heritage | 80,871.38 | 14,271.42 |
| WIN | Networking for innovation | 170,000.00 | 30,000.00 |
| 2INS Clusters | Innovation support clusters | 127,500.00 | 22,500.00 |
| **TOTAL** | | **€ 877,295.88** | **€ 154,816.92** |

E-MARS – Proġett biex jinħoloq network dwar żvilupp sostenibbli u promozzjoni ta' ICT fil-qasam Marittimu.
HYPODAMOS – Proġett fuq ippreservar ta' Wirt Storiku u Żvilupp Lokali.
MEDCOAST_ADAPT – Proġett fuq pjan u moniteraġġ tal-Costa Mediterranja.
SightSEAing – Proġett fuq Presevar tal-baħar.
WIN – Proġett biex jinħoloq network għan-Nisa fil-qasam ta' l-Inovazzjoni.
2InS Clusters – Proġett fuq Inovazzjoni għall-SME's u E-Business

Interreg IVC

Taħt dan il-fond il-Kunsill daħal bħala Partner ma' Regione Lombardia għall-proġett ShELLL li jagħti priorita' lill-inovazzjoni, riżorsi umani u edukazzjoni. L-ammont allokat għall-Kunsill Lokali Isla hu ta' € 205,700 b'ko-finanzjament ta' € 36,300.

Leonardo da Vinci – Lifelong Learing

Flimkien mal-Lead Partner Fondazzjoni Temi Zammit il-Kunsill Lokali Isla applika għal Fond ta' € 10,336 b'ko-finanzjament ta' € 4,430 dwar taħriġ tal-Kura Vokazzjonali għall-Anzjani (Elderly Care Vocational Training and Rehabilitation System ECV +)

Town Twinning – Citizens' Meeting

Il-Kunsill ħa l-inizjattiva biex japplika għall-Fond ta' € 21,707.67 taħt il-Europe for Citizens "Town Twinning", liema proġett isir fil-Lokalita' tagħna bl-involviment tal-Comune di Cassino u Holyhead Town Council flimkien mal-Komunita' Sengleana. Jekk din l-applikazzjoni tiġi aċċettata dan is-Citizens' Meeting ser jinżamm bejn is-17 u t-23 ta' Ġunju 2009. Il-parteċipazzjoni għal dan il-proġett għandha tkun ta' madwar 170 ruħ.

Youth in Action

Fir-rigward ta' Proġetti għaż-Żgħażagħ qegħdin nistennew l-approvazzjoni dwar żewġ proġetti li dħalna sħab ma' pajjizi ewropej taħt il-Youth in Action Programmes.

1. Flimkien ma' Tours ġewwa Franza bħala Lead Partner ġejna magħżulin biex nissieħbu fi proġett CREA JARDIN bejn 4 pajjiżi ewropej, liema proġett hu miftuħ għal żgħażagħ bejn it-18 u l-25 sena. It-tema ewlenija tal-programm hu l-ipreserver u titjieb fil-kwalita' taż-żamma ta' ġonna u ambjent fil-kuntest Ewropew. Permezz ta' dan il-proġett 4 żgħażagħ mill-lokal ser jaqsmu esperjenzi varji ma' żgħażagħ oħra kif ukoll jinżammu numru ta' "workshops".

2. Fondazzjoni taż-Żgħażagħ minn Kayseri ġewwa t-Turkija avviċinatna sabiex nidħlu sħab f'proġett "We have the Solution Inside". Dan hu miftuħ għall-sitt pajjiżi ewropej għaż-żgħażagħ bejn is-16 u l-20 sena. It-tema ewlenija tal-proġett tiffokka fuq metodi ta' meditazzjoni u drama sabiex iż-żgħażagħ jitgħallmu jaffaċċjaw il-problemi tal-ħajja li jistgħu jiltaqgħu magħhom.

MEUSAC

F'Novembru 2008 il-MEUSAC ħarġet bi proposta għall-Kunsilli Lokali biex tinżamm Konferenza f'Malta bejn it-13 u l-15 ta' Mejju 2009 – "Zooming on Sustainability" Thematic Networking of Twinned Towns – Europe for Citizens. Għal dan il-għan ġew mistidna Kunsill Maltin u Għawdxin flimkien ma' Kunsilli li qegħdin ġemellatti magħhom jew fil-proċess li jsir ġemellaġġ. Il-Kunsill laqa' din l-inizjattiva u mill-ewwel għamel Kuntatt mal-Comune di Cassino u Holyhead Town Council. Kellna konferma minn Holyhead fejn urew ix-xewqa li jipparteċippaw, filwaqt li kien hemm interess mill-Comune di Cassino, dawn f'Mejju ser ikunu mħabbtin minħabba l-Anniversarju ta' Monte Cassino.
Għaldaqstant intbagħtet l-informazzjoni meħtieġa sabiex il-MEUSAC tkun tista' tissottometti l-applikazzjoni.

B'sodisfazzjon inħabbru li f'Marzu ta' din is-sena ġejna notifikati li dan il-proġett ġie milqugħ u l-Kunsill Lokali Isla flimkien ma' dak ta' Holyhead ser jipparteċippaw fl-imsemmija Konferenza.

Permezz tal-MEUSAC, unit imwaqqfa mill-Gvern Ċentrali biex tassisti lill-Kunsilli japplikaw għall-Fondi mill-Unjoni Ewropea, il-Kunsill żamm laqgħat ma' din il-Unit sabiex jiġbor informazzjoni dwar dawn l-opportunitajiet kif ukoll attenda numru ta' seminars f'dan ir-rigward. Il-Kunsill jirringrazzja lill-istaff tal-MEUSAC ta' l-għajnuna kontinwa u l-informazzjoni mgħoddija.

Infatti l-Kunsill Lokali Isla flimkien ma' numru ta' Kunsilli oħra iffirma Ftehim ta' Koperazzjoni mal-MEUSAC nhar il-25 ta' Frar 2009 dwar l-assistenza fil-mili ta' applikazzjonijiet għall-Fondi, ideat ta' proġetti u support kontinwu flimkien ma' parteċipazzjoni min-naħa tal-Kunsill f'attivitajiet tal-MEUSAC f'dak li jirrigwarda materji Ewropej.

## Skemi mħabbra mill-Gvern Ċentrali għall-Kunsilli Lokali

### Skema dwar Attivitajiet Kulturali

Il-Gvern Ċentrali nieda skema li permezz tagħha tingħata għajnuna lill-Kunsilli Lokali sabiex jorganizzaw attivitajiet kulturali fil-lokalita' tagħhom.

Hekk kif tħabbret din l-iskema f'Diċembru 2008, il-Kunsill minnufih imbarka fuq din l-inizjattiva sabiex iressaq il-proposti tiegħu. Wara jiem ta' ħsieb ħarġet l-idea li jiġi organizzat Festival Marittimu f'Mejju 2009 ġewwa l-Isla. Wara ħidma kontinwa mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv kif ukoll il-ko-ordinattur Joe Scerri, saret l-applikazzjoni meħtieġa flimkien mad-dokumenti u l-estimi rikjesti. Dan il-proġett jiffoka fuq l-involviment ta' residenti Sengleani li għal żmien twil ħadmu fil-qasam Marittimu kif ukoll numru ta' Għaqdiet fil-Lokal li għadhom sal-lum jaħdmu f'dan il-qasam. Ser tingħata l-opportunita' lil numru ta' istituzzjonijiet u awtoritajiet li jipparteċipaw f'dan l-avveniment. L-għanijiet ta' din l-Attivita' jħarsu lejn:

1. Preservar ta' tradizzjonijiet antiki relatati ma' l-istorja glorjuża ta' l-Isla mal-Baħar.
2. Attirar ta' Turisti u Pubbliku Ġenerali.
3. Involviment tan-nies preżenti f'numru ta' avvenimenti matul il-ġurnata.
4. Żjarat f'numru ta' postijiet storiċi.
5. Involviment ta' Bliet Ewropej li l-Kunsill għandu ġemellaġġi magħhom jew rabtiet ta' ħbiberija.

Għal dan il-għan twaqqaf Kumitat Eżekuttiv biex titfassal struttura ta' l-Attivita' u jagħmel il-kuntatti meħtieġa, liema kumitat hu kompost minn Joseph Casha (Sindku), Justin John Camilleri (Viċi Sindku), Arthur Perici (Segretarju Eżekuttiv), Joe Abela, Frankie Bonello, Dr. Joe Borg, Martin Morana, Alan Pullicino, Joe Scerri u Victor Scerri.

Għaldaqstant permezz tal-proposta tagħna għall-Attivita' Kulturali fl-Isla f'Mejju 2009, inkunu qed nippromovu l-Istorja u l-lokalita' ta' l-Isla kif ukoll ir-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir b'ħarsa ta' sostenibilita' tal-lokalitajiet fil-miri tal-Gvern Ċentrali.

B'sodisfazzjon inħabbru li l-Bord ta' Evalwazzjoni laqa' il-proposta tagħna fejn il-Gvern Ċentrali ser jagħti għajnuna finanzjarja ta' € 5,500 għal dan il-għan. Il-Festival Marittimu ser jinżamm nhar il-Ħadd, 17 ta' Mejju 2009 bejn il-Maċina u l-Ponta bejn l-10.00 am u l-4.00 pm. Nistqarru li kienu tlett xhur impenjattiva b'ħidma u laqgħat kontinwi sabiex intellgħu attivita' professjonali li tattira numru kbir ta' Maltin u Turisti. Il-Kumitat Eżekuttiv ħadem bla heda sabiex jitellgħu numru ta' avvenimenti matul il-ġurnata li jfakkruna fil-Belt Marittima ta' l-Isla. Fost l-avvenimenti wieħed jista' isib:

Lifting Ship's Mast (Macina), Naval Base, Re-enactment, Exhibitions, Art, Fishing Competition, Band Marches, Traditional Folk Singing & Music, Dghajsa, Guided Tours u Boat Yard.

Bħalissa qed naħdmu fuq l-aħħar preparamenti tal-programm kif ukoll l-att ta' organizazzjoni u loġistiku. Nieħdu din l-okkazzjoni biex nirringrazzajw lill-membri tal-Kunsill li minn dejjem emmen fil-potenzjal tal-attivita' u approva l-avvenimnent u l-vot marbut, lill-Membri tal-Kumitat Eżekuttiv u Organizattiv, lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Chris Said, l-Onor. Ministru Dolores Cristina, l-MTA, Malta Heritage, Simonds Farsons Cisk plc, Cassar Ship Repair, Malta Shipyards, Grand Harbour Marina flimkien ma' numru ta' voluntiera li qed jgħinu.

<u>Skema dwar Progetti *Energy Saving*</u>

F'Diċembru 2008 il-Gvern Ċentrali nieda skema dwar Proġetti *Energy Saving.* Il-Fond allokat mill-Gvern għall-proġetti magħżula hu massimu ta' € 10,0000. Il-Kunsill approva li għandna nissotemettu l-proposta tagħna f'dan ir-rigward u għalhekk saru l-kuntatti meħtieġa ma' numru ta' kumpaniji f'dan il-qasam. Wara numru ta' laqgħat ġie deċiż li jmorru għall-installazzjoni ta' Panelli Solari fuq l-uffiċċini tal-Kunsill, liema proġett jiswa' € 11,650. B'hekk inkunu qed imorru għall-użu ta' enerġija alternattiva biex nipprovdu dawl u niffrankaw mill-konsum ta' kuljum u nirroduċu CO2 Footprint. Fl-istess ħin noħolqu edukazzjoni u informazzjoni għall-pubbliku inġenerali sabiex hu wkoll jmur għal dawn it-tip ta' enerġiji alternattivi. Din l-iskema qegħda fil-fażi ta' evalwazzjoni.

<u>Skema dwar Inizjattivi Sportivi</u>

F'Jannar 2009 saret it-tneddija ta' Skema oħra dwar Inizjattivi Sportivi biex titkabbar il-kultura sportiva fost il-poplu tagħna. Il-Gvern qed jalloka fond ta' € 3,000 (massimu) fejn il-Kunsill jingħata sa' 50% tan-nefqa. Wara laqgħat li saru mal-Kunsill Malti għall-Isport, il-Kunsill approva li jissotometti applikazzjoni f'dan ir-rigward. L-avvenimenti sportivi proposti mill-Kunsill huma:

1. <u>Qabel l-Iskola – Walking Bus</u>
2. <u>Sports b'divertiment fis-Synthetic Pitch "31 ta' Mejju 1981" Isla</u>
   Sports for All - 2 categories 5 – 8 yrs & 9 – 14 yrs
3. <u>Programm Sportiv għall-Persuni b'Diżabilita'</u>
4. <u>Attivitajiet fil-Grawnd 31 ta' Mejju 1981 Isla</u>
   Partnership between KMS Isla LC and Senglea Nursery
5. <u>Youths on the Move</u>
   Swimming
   Dancing

## Konkluzzjoni

Kif joħroġ ċar minn dan ir-rapport amministrattiv l-ewwel sena ta' ħidma tas-sitt leġislatura kienet waħda impenjattiva. Minkejja l-problemi u r-restrizzjonijiet finanzjarji u amministrattivi, il-Kunsill iħoss li mexxa bl-aħjar mod biex wettaq il-ħidma tiegħu mill-aktar mod effettiva u effiċjenti. Issa jmiss li nħarsu l-quddiem għas-snin li ġejjin ħalli nkomplu ntejbu fuq dak li bdejna.

Grazzi mill-qalb li dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw sehemhom biex kellna sena oħra ta' ħidma għall-ġid tal-lokalita'.

**Joseph Casha**
**Sindku**

**Arthur Perici**
**Segretarju Ezekuttiv**